



21.11.2012

B7-0522/2012 }
B7-0524/2012 }
B7-0526/2012 }
B7-0527/2012 }
B7-0528/2012 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

mressqa skont l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

PPE (B7-0522/2012)
S&D (B7-0524/2012)
Verts/ALE (B7-0526/2012)
ECR (B7-0527/2012)
ALDE (B7-0528/2012)

dwar is-sitwazzjoni f'Gaza
(2012/2883(RSP))

**José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Elmar Brok, Mario Mauro,
Cristian Dan Preda, Roberta Angelilli, Elena Băsescu,
Rodi Kratsa-Tsagaropoulou**

f'isem il-Grupp PPE

**Véronique De Keyser, Pino Arlacchi, Emine Bozkurt, Ricardo Cortés Lastra,
Emer Costello, Ana Gomes, Richard Howitt, Emilio Menéndez del Valle,
María Muñoz De Urquiza, Norbert Neuser, Boris Zala**

f'isem il-Grupp S&D

**Annemie Neyts-Uyttebroeck, Alexander Graf Lambsdorff, Alexandra Thein,
Ivo Vajgl, Graham Watson, Jelko Kacin, Marietje Schaake,
Edward McMillan-Scott, Sarah Ludford, Izaskun Bilbao Barandica**

RC\920014MT.doc

PE493.717v01-00 }
PE493.719v01-00 }
PE493.721v01-00 }
PE493.722v01-00 }
PE493.723v01-00 } RC1

fisem il-Grupp ALDE

Daniel Cohn-Bendit, Bart Staes, Jill Evans

fisem il-Grupp Verts/ALE

Charles Tannock, Ryszard Antoni Legutko, Tomasz Piotr Poręba,

Ryszard Czarnecki

fisem il-Grupp ECR

RC\920014MT.doc

PE493.717v01-00 }

PE493.719v01-00 }

PE493.721v01-00 }

PE493.722v01-00 }

PE493.723v01-00 } RC1

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni f'Gaza (2012/2883(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill "Affarijiet Barranin" tad-19 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra l-istqarrijiet għall-istampa tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon tat-18 u d-19 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess tal-Paċi fil-Lvant Nofsani tal-14 ta' Mejju 2012, tat-18 ta' Lulju u tat-23 ta' Mejju 2011 u tat-8 ta' Diċembru 2009,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, tat-12 ta' Novembru 2012 dwar l-aħħar eskalazzjoni tal-vjolenza bejn Gaza u l-Iżrael, u tas-16 ta' Novembru 2012 dwar l-intensifikazzjoni ulterjuri tal-vjolenza fl-Iżrael u f'Gaza,
 - wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1949 dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interim dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza tat-18 ta' Settembru 1995,
 - wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Oslo ("Dikjarazzjoni ta' Prinċipji dwar Arranġamenti Interim ta' Gvern Awtronomu") tat-13 ta' Settembru 1993,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kunflitt attwali qiegħed jikkawża mwiet u tbatija inaċċettabbli għall-popolazzjoni ċivili taż-żewġ partijiet involuti;
- B. billi l-Parlament Ewropew darba wara l-oħra esprima s-sostenn tiegħu għas-soluzzjoni ta' żewġ Stati, bl-Istat tal-Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku u vijabbli jgħixu flimkien fil-paċi u s-sigurtà, u appella biex jinħolqu l-kundizzjonijiet li jippermettu li jissuktaw it-taħditiet diretti ta' paċi bejn iż-żewġ partijiet;
- C. billi l-imblokk tal-Istrixxa ta' Gaza u l-kriżi umanitarja hemmhekk għadhom għaddejjin minkejja l-bosta appelli li saru mill-komunità internazzjonali għall-ftuħ ta' punti ta' qsim għall-fluss ta' għajjnuna umanitarja, oġġetti kummerċjali u persuni lejn u minn Gaza, kif imtenni wkoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012;
- D. billi l-Parlament esprima ripetutament l-impenn qawwi tiegħu favur is-sigurtà tal-Istat tal-Iżrael; billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012 reġgħu tennew l-impenn fundamentali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha favur is-sigurtà tal-Iżrael, ikkundannaw bil-qawwa l-vjolenza mmirata deliberatament lejn iċ-ċivili, inklużi l-attakki bil-missili mill-

RC\920014MT.doc

PE493.717v01-00 }
PE493.719v01-00 }
PE493.721v01-00 }
PE493.722v01-00 }
PE493.723v01-00 } RC1

MT

istrixxa ta' Gaża, u appellaw għal prevenzjoni effikaċi tal-kuntrabandu tal-armi lejn Gaża;

1. Jesprimi tħassib gravi dwar is-sitwazzjoni f'Gaża u fl-Iżrael, u jesprimi d-dispjaċir profond tiegħu għat-telf ta' ħajjiet ta' persuni ċivili, inklużi nisa u tfal; jenfasizza li jeħtieġ li l-attakki kollha jintemmu minnufih, minħabba li jikkawżaw tbatija mhux ġustifikabbli għal ċivili innoċenti u jappella biex b'urġenza titnaqqas l-eskalazzjoni u jinġieb fi tmiemu l-ġlied; jappoġġa l-isforzi tal-Eġittu u atturi oħrajn għall-medjazzjoni biex jintlaħaq waqfien mill-ġlied rapidu u sostenibbli, u jilqa' l-missjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-reġjun;
2. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki bil-missili fuq l-Iżrael mill-Istrixxa ta' Gaża, li jeħtieġ li l-Ħamas u gruppi armati oħrajn f'Gaża jtemmuhom minnufih; jenfasizzali l-Iżrael għandu d-dritt jiproteġi l-popolazzjoni tiegħu minn attacchi ta' dan it-tip, filwaqt li jirrimarka li f'dan l-Iżrael jeħtieġli jaġixxi b'mod proporzjonali u jiżgura l-protezzjoni taċ-ċivili f'kull waqt; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li kull naħa tirrispetta l-liġi internazzjonali umanitarja, u jenfasizza li ma jista' jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal attacchi mmirati deliberatament fuq ċivili innoċenti;
3. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għas-soluzzjoni ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-belt kapitali taż-żewġ stati, bl-Istat tal-Iżrael u Stat tal-Palestina indipendenti, demokratiku u vijabbli jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà;
4. Jerġa' jenfasizza li l-uniku mod kif jista' jintlaħaq sliem ġust u dejjiemi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani huwa b'mezzi paċifiki u mhux vjolenti; jerġa' jappella għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet li jippermettu li jissuktaw it-taħditiet diretti ta' paċi bejn iż-żewġ partijiet;
5. Jappoġġa, f'dan ir-rigward, it-tentattiv tal-Palestina biex issir osservatur fin-NU bla status ta' membru u jqis li dan ikun pass importanti biex ir-rivindikazzjonijiet tal-Palestinjani jsiru aktar viżibbli, qawwija u effikaċi; jappella, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri tal-UE u l-komunità internazzjonali jilhqqu qbil f'din id-direzzjoni;
6. Jerġa' jhegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri biex jassumu rwol politiku aktar attiv fl-isforzi ħalli jintlaħaq sliem ġust u dejjiemi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli fl-isforzi tagħha għall-ħolqien ta' prospettiva kredibbli għar-rilanċ tal-proċess tal-paċi;
7. Itenni l-appel tiegħu biex jintemm l-imblokk tal-Istrixxa ta' Gaża, bil-kundizzjoni li jkun hemm mekkaniżmu ta' kontroll internazzjonali effikaċi li jipprevjeni l-kuntrabandu tal-armi lejn Gaża, b'rikonoxximent tal-esiġenzi leġittimi ta' sigurtà tal-Iżrael; jappella wkoll għat-teħid ta' passi li jippermettu r-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku ta' Gaża;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Mibgħut tal-Kwartett fil-Lvant Nofsani, lill-

RC\920014MT.doc

PE493.717v01-00 }
PE493.719v01-00 }
PE493.721v01-00 }
PE493.722v01-00 }
PE493.723v01-00 } RC1

Knesset u lill-Gvern tal-Iżrael, lill-President tal-Awtorità Palestinjana u lill-Kunsill
Leġiżlattiv Palestinjan.

RC\920014MT.doc

PE493.717v01-00 }
PE493.719v01-00 }
PE493.721v01-00 }
PE493.722v01-00 }
PE493.723v01-00 } RC1

MT